**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2001**

**Numru 10**

**Avviz. numru 422/01JR**

**Twin Spark Limited**

**vs**

**Anthony Balzan f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta BALSONS MOTOR REPAIR**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija tmienja u ghoxrin centezmu (Lm220.28), dovuta bhala prezz ta' "spare parts" mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta` attrici b'"wholesale".**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghax legali mid-dati tal-konsenja sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Ralph Cordina ghall-attur li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio u fil-kwalita` tieghu premessa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija tmienja u ghoxrin centezmu (Lm220.28), bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Gunju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et nomine skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**